MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1993/2002/1

**Dorianne Bartolo Vella**

**vs**

**Industrial Motors Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta’ April, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta’ Awissu 2002 fejn l-attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta thallas l-ammont ta’ Lm1500 (elf u hames mitt lira Maltin) bhala prezz tal-pompa tad-diesel li zvillupat hsara fil-

perjodu tal-garanzija fil-vettura tal-attrici u xi hsarat ohra ikkagunati mill-istess pompa.

Fl-avviz tat-talba intqal:-
Is-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attrici l-valur u nstallazzjoni ta' pompa tad-diesel gewwa l-vettura taghha tal-magna Seat Cordoba numru ta' registrazzjoni DOR 725 liema pompa zvilluppatilha l-hsara fil-perjodu tal-garanzija oltre l-hlas ta' danni ohra konsegwenzjali ghal hsara fil-pompa tad-diesel.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

L-ammonti relattivi ghal din it-talba tal-attrici m'ghandhiex taccedi s-somma ta' Lm1500.

Ra r-risposta fejn inghad li:-
It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghal diversi ragunijiet fosthom illi l-hsara li sofriet il-pompa kien kawza ta' diesel kontaminat, eventwalita` li zgur mhix responsabbli ghaliha s-socjeta` Industrial Motors Limited. Dan gie anke konfermat minn ezami li sar fuq l-istess pompa barra minn Malta minn specjalista tal-pompi tal-marka 'Bosch'.

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:-
Illi l-punt kardinali li jrid jigi deciz huwa precizament jekk l-allegat hsara fil-'fuel injection pump' kenitx koperta bil-garanzija ta' sena. Il-kuntratt ta' bejgh datat 16 ta' Marzu 2001 jistipula 'substitution of parts which may result to be of faulty workmanship or defective manufacture'. L-attrici xtrat vettura minghand is-socjeta` konvenuta li tallega li kien tort id-diesel hazin li hawn fil-pajjiz. Di fatti, it-testijiet li saru barra minn Malta jissugragaw din it-tezi.

Jinghad pero`li da parti l-istess socjta` konvenuta, ma saru l-ebda testijiet fuq id-diesel fil-vettura u/jew fil fuel filter. Is-Service Manager tal-istess socjeta` stqarr li din kienet l-unika okkazzjoni fejn issuccieda dan il-kaz. In

oltre s'issa azjenda wahda biss timporta u tqassam id-diesel hawn Malta.

L-oneru ta' prova da parti tal-attrici huwa li tipprova l-kaz taghha fuq bilanc ta' probabiltajiet. L-attrici dana ghamlithu.

Huwa facli hafna li socjeta' bhal dik konvenuta tipprova tistahba wara element li m'ghandiex kontrol fuqha l-istess attrici. Il-fatt ta' kaz uniku wiehed biss f'azjenda bhal dik konvenuta jimmilita ta' kontra taghha stess li pompa ta' diesel gralha l-hsara bid-diesel lokali – kieku ara kemm aktar kien ikollhom kazijiet. Izda minhabba li kienet kaz uniku l-istess pompa kienet diffettuza 'ab initio' – u bit-thaddiem gralha l-hsara ghal liema ghandha tirrispondi s-socjeta' konvenuta. Dwar l-ammont tal-hsara, dana jammonta ghal elf u mitejn Lira (Lm1200) kif stipulat mill-istess socjeta` konvenuta.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanaha thallas is-somma ta' elf u mitejn Lira (Lm1200) bl-ispejjez u nteressi mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv."

L-obbjezzjoni tas-socjeta` konvenuta kontra din is-sentenza hi sottomessa fis-sens illi t-Tribunal ghamel analisi kompletament zbaljata tal-provi prodotti;

Qabel ma tghaddi biex tikkonsidra dan l-aggravju jidher opportun li jigu replikati dawn il-fatti:-

(1) B' kuntratt datat 16 ta' Marzu 2001 (Dok. RFA1) l-attrici xtrat minghand is-socjeta` konvenuta vettura gdida tal-marka Seat Cordoba ghall-prezz ta' sebat elef tliet mija u wiehed u tmenin lira (Lm7381). Tali xiri kien soggett ghall-garanzija ta' sena riprodotta f' Dok. RFA2;

(2) F' Jannar 2002 zviluppat hsara fil-pompa. Ghas-socjeta` konvenuta din il-hsara kienet attribwibbli

ghall-uzu ta' diesel inkwinat. Inversament, l-attrici u x-xhieda taghha, senjatament, Victor Chetcuti (fol. 31), gestur ta' pompa tal-petrol li ezamina kampjun tad-diesel estratt mit-tank tal-vettura, jikkontendi li d-diesel kien ta' kwalita` tajba;

(3) Ghas-socjeta` konvenuta l-hsara zviluppata fil-pompa ma kienetx koperta bil-garanzija konvenzjonali in kwantu din sehhet b' xi haga estranea ghall-istess vettura. Ara deposizzjoni ta' Edward Cassar, Service Manager tas-socjeta` konvenuta (fol. 41);

Premessi dawn il-fatti, jixraq ukoll, qabel kull kumment dwar l-aggravju, illi tigi stabbilita n-natura ta' l-azzjoni proposta mill-attrici, anke ghaliex din kapaci tillustra ahjar jekk il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wassluh ghad-decizjoni tieghu ghandhomx jitqiesu korretti o meno;

Indubbjament, ir-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti temani certament mill-kuntratt ta’ bejgh tal-vettura. Effettivament, mill-mod kif formulata jidher li l-azzjoni hi bazata fuq l-owner warranty kontemplata f' paragrafu 11 ta’ dak il-kuntratt li jipprovvdi, ghall-perjodu ta' tnax-il xahar mill-bejgh, ghas-"*substitution of parts which may result to be of faulty workmanship or defective manufacture*";

Huwa desumibbli minn din il-garanzija konvenzjonali pattwita illi din tikkostitwixxi mezz ta' tishih tat-tutela tax-xerrej. Dan fis-sens li hi in aggunta mal-garanzija dovuta *ex lege* mill-venditur (Artikolu 1378, Kodici Civili) ghad-difetti li ma jidhrux (Artikolu 1408, Kodici Civili) u ghar-responsabilita` tal-bejjiegh stabbilita mil-ligi minhabba mankanza tal-kwalita` mweghda (Artikolu 1390, Kodici Civili). Fi kliem iehor, dik il-garanzija akkordata ma hijiex b' eskluzjoni ta' dik stabbilita fl-Artikolu 1424 kif hekk seta' jsir bl-Artikolu 1426 ta' l-istess Kodici;

Bla dubju, il-garanzija fil-kuntratt mahsuba tippostula sitwazzjoni fejn jirrizulta difett, anke ta' komponenti tal-vettura relattiv ghall-process tal-produzzjoni taghha b' mod li jirrendi l-haga mixtrija inidonea ghall-uzu li ghalih hi destinata. Huwa logikament prezunt illi l-komponenti ta' karozza gdida huma destinati li jipperduraw ghal zmien u ghandhom funzjonalita` strumentali approprijata u, ghalhekk, jekk jirrizulta li dawn ma jkunux hekk, jokkorri li dawn jigu sostitwiti a kura tal-venditur;

Dan premess, huwa guridikament mistenni li l-attrici, *qua* kompratrici, una volta qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq il-portata tal-garanzija kontrattwali, ghandha tiskarika l-oneru nkombenti fuqha li tipprova (i) l-istat ta' l-imperfezzjoni jew tal-funzjonament difettuz tal-pompa, u (ii) li tali imperfezzjoni jew malfunzjonament giet verifikata u denunzjatata fit-terminu determinat ta' tnax-il xahar. Hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-attrici mhix mistennija li tipprova wkoll il-kawza tal-malfunzjonament jew imperfezzjoni. Sta invece ghas-socjeta` konvenuta venditrici li tipprova li d-difett ma kienx kollegat ma' "*faulty workmanship*" jew "*defective manufacture*" imma ma' kawza sopravvenuta wara l-konkluzjoni tal-kuntratt u ghall-fatt proprju ta' l-attrici xerrejja jew ghal kawza mhux imputabbli lilha, qua venditrici;

Riportat dan il-hsieb ghall-kaz in ispecje ma jistax ikun hemm kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-attrici appellata skarikat il-piz mixhut fuqha li tipprova difett jew deficjenza fil-pompa. Difett li gie minnha denunzjat fit-terminu tal-garanzija. Dan jidher anzi li hu accettat mis-socjeta` konvenuta appellanti, tant li d-difiza taghha hi cirkoskritta ghal fatt illi l-malfunzjonament fil-pompa kien dovut ghall-uzu ta' diesel kontaminat. Fir-rigward it-Tribunal hassu mhux konvint li s-socjeta` appellanti ressqet provi sodisfacenti biex issostni din id-difiza taghha. Huwa jgib b' argoment illi da parti tas-socjeta` konvenuta ma saru l-ebda testijiet fuq id-diesel fil-vettura jew fil-*fuel filter* u, dippju, billi dan kien kaz uniku, *ergo*, fil-fehma tieghu, l-istess pompa kienet difettuza *ab initio*;

Issa din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi attendibbli in materja u, bir-rispett kollu, issib li r-ragonament tat-Tribunal mhux nieqes minn vizzju ta' gudizzju tal-provi akkwiziti. Fir-rigward, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Jinghad mix-xhud Edward Cassar illi meta giet ezaminata l-pompa instab li "l-*fuel filter* kien kontaminat" (fol. 40). Jinsab imbaghad korroborat minn kontroll tekniku tal-pompa fl-esteru illi l-partikulari tal-pompa in kwestjoni kienet "*usurati causa gasolio inquinato*" (fol. 26);

(2) Il-fatt li d-diesel li kien hemm fit-tank dak iz-zmien ma giex ittestjat, anke jekk kieku stess kien tajjeb, ma ghandux necessarjament ifisser illi drabi ohra ma ntuzax diesel imhallat u kontaminat b' karburanti ohra u mixtri minghand is-sidien tal-pompi tal-petrol. Fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, kif inhu notorju u pubblikament maghruf, ma jidher li ma hemm xejn inkonswet f' dan u, sfortunatament, lanqas ma huma nfrekwenti kazijiet ta' din ix-xorta;

(3) Il-fatt li x-xhud Edward Cassar qatt ma sema' xi referenza li l-hsara kienet originat minn xi diesel ta' kwalita` nferjuri (fol. 44) ma jgibx ghal daqshekk li dak in ispecje kien xi kaz uniku. Seta' forsi kien kaz uniku ghas-socjeta` appellanti ghax "ma kellniex kaz iehor bhalu" (fol. 42) izda dan ma jeliminax il-fatt illi f' dan il-kaz partikolari ingiebet il-prova, u prova sodisfacenti, illi l-pompa in kwestjoni kienet affetta minn uzu ta' diesel ta' kwalita` nferjuri jew kontaminata. L-ebda djalettika ma hi kapaci ssalva l-vizzju ta' l-argoment illi ghax dan kien l-unika kaz riskontrat mis-socjeta` appellanti tal-konsegwenzi riportati fil-pompa mhabba diesel kontaminat, ergo, dan jimmilita kontra t-tezi tas-socjeta` appellanti ghax kieku kien ikollhom aktar kazijiet. Ibda biex minn imkien mill-provi ma jinghad li l-fuel kollu importat f' Malta hu kontaminat izda s-socjeta` appellanti llimitat ruhha biex tghid illi l-attrici ghamlet uzu, anke jekk mhux bil-konoxxenza taghha, minn *fuel* li rrizulta li kien hekk kontaminat;

(4) Dejjem fil-hsieb ta' din il-Qorti, din il-prova s-socjeta` appellanti rnexxielha taghmilha, minghajr ebda opinjoni esperta kuntrarja da parti ta' l-attrici jew minn xi perizja awtonoma, u allura ma jistax jinghad illi r-rizultanzi processwali jwasslu ghas-sosteniment ta' l-azzjoni hekk bazata fuq il-garanzija konvenzjonali appattwita. Hu l-kaz ghalhekk li din il-Qorti tiddissenti mill-konkluzjoni tat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tas-socjeta` konvenuta u, in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha suesposti, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u b' hekk tichad it-talba attrici. Fic-cirkostanzi partikulari ta' dan il-kaz l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew f' mizura ndaqs mill-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------